Kunsill Lokali
Għajnsielem

## MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
## IT-TMIEN KUNSILL
## SEDUTA NRU. 42 – 1 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it- Tnejn l-1 ta' Awwissu 2022 fl-4:00pm ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**42.1 Talba**

42.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

42.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**42.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

42.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**42.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

42.4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgha li kellu mal-idrologu Mark Cremona rigward skema ta' €200,000 għal Kunsilli sabiex jagħmlu proġett li jkun proġett li jinġabar l-ilma. Is-Sindku propona li jew isir ġibjun fil-Playing Field Amabile Cauchi jew proġett ikbar ta' lqugħ tal-ilma għal maltempati . Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu din il-materja mal-Perit Godwin Sultana dwar liema hi l-aktar option vijabli u napplikaw fuq r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

42.4.2 Is-Sindku għamel referenza b'sodisfazzjon għal żewg press confernces li attenda għalihom li nżammu nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju fejn ġie mħabbar li l-Kunsill tagħna ingħata €360,000 minn Ambjent Malta sabiex jsir tisbieħ

permezz ta' ġnien għal pubbliku quddiem l-iskola primarja u sistema ta' ilqugħ tal-ilma u tisbieħ biswit il-Pjazza tad-Dehra. Huwa rringrazzja lil Perit Godwin Sultana tal-proġetti verament ta' livell għoli li ppreżentalna biex b'hekk stajna nikkwalifikaw għal dawn il-fondi. Aktar tard fl-istess jum is-Sindku attenda għall-konferenza stampa mtella' mis-Segretarju Parlament Alison Zerafa Cevelli fil-Birgu fejn l-Kunsill ingħata għajnuna finanzjarja ferm tajba ta' €20,437.32 għall-attivita kulturali ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

42.4.3 Is-Sindku fakkar ukoll li fl-aħħar ta' Ġunju ġie imħabbar li l-Kunsill tagħna kien wieħed mit-tmien Kunsilli li bbenefikaw mill-iskema 'Proġetti Kapitali – Aċċessibilitá u Mobilita'. Fil-fatt, il-Kunsill tagħna se jkun qed jingħata €85,000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jibda l-ewwel fażi ta' tisbieħ taż-żona quddiem il-każini.

42.4.4 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li din il-ġimgħa komplejna nirċievu aħbarijiet tajbin f'dawk li huma akkwist ta' fondi. Il-Kunsill Lokali Għajnsielem bl-għajnuna tas-SEM akkwista b'suċċess l-ammont ta' €60,920 minn programm tal-EU (Miżura 4.3) sabiex jibni mill-ġdid triq oħra rurali għall-bdiewa tagħna, din id-darba Triq Daħlet tal-Agħma li fil-preżent tinsab fi' stat diżastruż. L-applikazzjonijiet ta' taht Chambray, bicca minn Triq ix-Xatt u biċċa minn Triq Ta' Bordin ma ġewx aċċettati.

42.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-attivita' li attenda għaliha flimkien mal-Kunsillier Larry Buttigieg aktar kmieni dan ix-xahar mnedija mill-Aġenzija Żgħażagħ – Ideazzjonisti. Huwa spjega li kien ta' pjaċir għalih isegwi ż-żgħażagħ minn Għajnsielem joħorġu b'ideat u suġġerimenti dwar il-lokalita' tagħna. Huwa faħħar u rringrazzja lill-partecipanti żghazagh ghajnsielmizi Yanika Attard, Luke Vella u SeanPaul Azzopardi flimkien ma' diversi żgħażagħ oħrajn minn Għawdex tal-attiviżimu tagħhom permezz tal-programm 'ideAzzjonisti' minn Aġenzija Żgħażagħ. Huwa rringrazzja wkoll lil Spiro Cauchi tal-parteċipazzjoni tiegħu u talli qasam l-esperjenzi ta' ħajtu ma' dan iż-żgħażagħ.

42.4.6 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex nhar il-Ġimgħa 12 t'Awwisu fis-2pm sabiex niddiskutu l-attivitajiet Milied, Bethlehem f'Għajnsielem u proġetti. Il-Kunsill kollu huwa mistieden jattendi.

42.4.7 Is-Sindku rrefera għall-inċident li ġara ftit tal-ġranet ilu fejn kellna kolass ta' parti minn Triq Wied Rgħajjes fejn is-saqaf tal-istorm water culvert ċeda. Is-Sindku flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Perit tal-Gvern marru fuq il-post tal-inċident u l-Ministeru għal Għawdex ser jgħin fit-tiswija ta' din il-parti tat-triq. Preżentament it-triq tinsab magħluqa u qed nistennew lil Road Construction imqabbad mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jibda xogħol t'emergenza kemm jista jkun malajr. Il-Perit Godwin Sultana irrakkomanda li t-triq ma tinfetaħx qabel ix-xogħol jkun lest. Il-problema ġiet ikkaġunata billi t -traffiku tal-Qala spiċċa għaddej kollu miċ-ċentru storku t'Għajnsielem u kaġun t'hekk anke kellna ħsara fi Triq Simirat fejn infetħet wkoll toqba tat-

triq li irriżulta li hija spiera u hawnwhekk wkoll qed nistennew lill- istess kuntrattur sabiex jibda x-xogħlijiet ta' tiswija.

42.4.8 Is-Sindku rrefera għal attivita' oħra li nżammet fil-15 ta' Lulju fejn il-Kunsill preżenta memento kommemorattiv lill-Boxer Joe Cordina minn Għajnsielem li rebaħ it-titlu ta' world champion tal-IBF super featherweight.

42.4.9 Is-Sindku għamel referenza wkoll għax-xogħol li għaddej preżentament fi Triq il-Ġnien li huwa intiż sabiex issir substation oħra ġdida li se ssaħħaħ b'mod sostanzjali l-provista tal-eletriku f'dawn l-inħawi wara li ilhom snin kbar bi problema ta' dawl baxx. Dan se jkun it-tielet intervent maġġuri f'Għajnsielem f'anqas minn sitt xhur u ta' dan nirringrazzja lil Enemalta tax-xogħol li qed jsir.

42.4.10 Is-Sindku rrefera wkoll għall-attivita' tal-baritonu Charles Buttigieg li ttellghet ġewwa Santa Lucija, Kercem u li kienet propja attivita ta' livell. F'Għawdex qed jsiru diversi attivitajiet kulturali ta' livell iżda hija ħasra li l-Kunsill ma' ġiex mistieden f'mod uffiċjali għal kunċert mtellgħa mill-Malta Philaromnic Orchestra li nżamm f'Chambray, Għajnsielem.

42.4.11 Is-Sindku rrefera għat-talba li għandna mingħand individwu dwar possibilta' li nagħmlu request għalih u jiġi jaħdem fil-librerija mis-2pm sas-7pm mingħajr ħlas u joffri li jagħtina l-librerija personali li għandu. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-librar jekk isibx problema.

42.4.12Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-inċident ta' nar f'Ta' Passi. Il-ħruq jidher li kien speċifikament għall-istruttura għax in-nar qabad mal-istruttura mhux fil-ħaxix. Huwa spjega li jinħtieġ imminenti li jsiru CCTVs fil-post u ċċekja mal-Planning Authority dwar possibilta' li niħdu mill-fond tad-DPF u jidher li nistgħu napplikaw għalihom. Is-Sindku talab jekk hemmx qbil noħorġu għal sistema madwar diversi lokalitajiet f'Għajnsielem fosthom il-Playing Fields, Pjazza tad-Dehra, Triq il-Ġnien, Pjazza Tolfa, Belvedere Hamri u siti ohra miftuħa. Il-Kunsill qabel mal-introduzzjoni ta' din is-sistema u li għandha tkun imqabbda awtomitakament mal-LESA.

42.4.13Ġiet trattata it-talba mingħand Għajnsielem FC fejn talbu lill-Kunsill għall-kontribuzzjoni ta' għajnuna għal safra tal-grupp tan-nursery.

42.4.14Is-Sindku ghamel referenza wkoll għal-laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv mal-community police fejn semmejna fost l-oħrajn l-issue li l-puluzija qed jkunu patroling Marsalforn minflok fir-raħal u hija ħasra li spiċċajna bdejna xi ħaġa daqshekk pożittiva u qed jinħatt kollox biex tissolva problema f'lokalita waħda.

## 42.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

42.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal-laqgħa pożittiva ħafna li l-Kunsill kellu mas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Cevelli fejn saret referenza

partikolari għan-numru ta' attivitajiet kulturali ta' kwalita' li l-Kunsill Lokali Għajnsielem huwa magruf għalihom.

42.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jitnaddaf it-trab ta' kostruzzjoni ta' Triq il-Ġnien. Is-Sindku wieġbu li ilna ħafna ninfurmaw lis-sid biex jittratta din il-problema iżda tidher li mhix qed tiġi trattata u mhux la kemm tiġi kkontrollata.

42.5.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li għal Halloween 2022 nistiednu lil-Band Divine Sinners. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

42.5.4 Il-Kunsillier Larry Buttigieg faħħar l-inizjattivi kollha li ħareġ bihom il-Kunsill dan is-sajf b'mod partikolari għall-attivita' tal-tfal. Huwa propona li din l-attivita' għandha tiġi ripetuta u nintroduċu żewġ karattri nflattable bħala dekorazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

42.5.5 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex taħt ta' Lourdes inwaħħlu bozza oħra. Sar qbil li għandu jipprovdi ritratt tas-sit meħtieġ.

42.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba wkoll kellu kliem ta' tifħir għall-organizazzjoni tal-Cocomelon Night li kienet suċċess u kellha attendenza numeruża.

42.5.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-attivita' barra minn Malta, f'Bergamo, li ser iżżomm l-Għaqda Hbieb tal-Presepju, li tagħha huwa membru, dik ta' wirja tad-diorami tal-presepju. Huwa semma' li ser jistiednu lis-Sindku biex ikun preżenti u huwa ser imur personalment bħala membru ta' din l-għaqda.

42.5.8 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li tinżamm wirja ta' presepji mqassmin mar-raħal bl-isem ta' Presepju 365, dak ta' presepju għal kull jum tas-sena billi wieħed iżur dawn il-presepji minn wieħed għall-ieħor permezz ta' "a walk through" mar-raħal minn rokna għall-oħra. Il-Kunsill qabel li għandu jibda din il-proposta gradwalment.

42.5.9 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex waqt il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex nirreferu għat-tkomplija tal-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza Madonna ta' Loretu.

## 42.6 Korrispondenza

42.6.1 Sar qbil li għandha titwaħħal ir-railing ta' ħdejn ir-Rexy Restaurant.

42.6.2 Ġiet trattata t-talba sabiex titneħħa s-sleeping Police li hemm fi Triq Filfla peress li tħabbat kull x'ħin jgħaddu l-karozzi u t-trakkijiet. Sar qbil li għandna ixxiftjawha u nżidu oħra iżda nistennew li jonqos it-traffiku.

42.6.3 Ġiet trattata t-talba bien jinbidlu floodlights maħruqin fil-ġnub tal-Knisja il-ġdida. Dawn diġa ġew rapurtati maħruqa.

42.6.4 Ġiet trattata t-talba għal mera faċċata ta' garaxx fi Triq il-Hamri. Sar qbil li s-sid għandu jiġi nfurmat li jġib l-approvazzjoni tas-sidien tal-faċċata sabiex din tkun tista ssir.

42.6.5 Ġie trattat l-Ilmenti rigward id-duħħan miċ-ċumnija tat tarmac plant ta' Ġanmarija.

42.6.6 Tressqet talba sabiex jinbeda ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Pinto de Foncesco.

42.6.7 Ġiet trattata talba biex jeħel dog bin fi Pjazza Tolfa. Dan id-dog bin ser isir. Ġie trattat l-ilment sabiex jitgħattew it-trinek li għamlu l-Enemalta fi Triq Malta. Is-Sindku wieġeb li ilna niġru warajhom u li l-Enemalta ser tieħu ħsieb li tagħlaq il-każ.

42.6.8 Daħlet talba sabiex jitpoġġa bank fil-parti ta' fuq ta' Triq Benghazi sabiex ipoġġu fuqu l-anzjani. Sar qbil li għandna npoġġu wieħed.

42.6.9 Ġiet trattata t-talba sabiex isir parkeġġ għal-muturi fi Triq Dun Frangisk Galea. Il-Kunsill iħoss li mhemmx problema ta' parkeġġ f'din it-triq u ma għandux iħarbat parkeġġ sempliċiment għal muturi.

## 42.7 Quotations/tenders tal-Proġett Amppa

42.7.1 Bħala stimi/tenders għall-proġett Amppa, s-Segretarju Ezekuttiv prezentat l-istimi miksuba u l-Kunsill qabel li jaghzel l-orhos kif jidher f'din l-iskeda:-

| Deskrizzjoni | Supplier magħzul | Ammont |
|---|---|---|
| Sound għall-attivita' Echoes by the Sea | Prostage | €5310 |
| Dwal għall-attivita' Echoes by the Sea | Joseph Cutajar | €4307 |
| Security Service għall-Echoes | Paul Mampalao | €10 kull siegħa |
| Ikel għall-attivita' tal-anzjani | Charles Azzopardi | €1500 + VAT |
| Printjar ta' t-shirts promozzjonali | Horace Ltd | €883.82 |
| Xiri ta' mwejjed għall-attivita' | PM Hobby Ltd | €1044.52 |
| Intervista promozzjonali fuq stazzjon tar-radju | Radju Lauretana | €940 |

42.7.2 Dawn l-ispejjes huma kollha koperti minn stimi jew tenders ufficjali. Apparti dawn l-ispejjes hemm bosta spejjes oħra zghar li huma relatati mal-attivitajiet konnessi mal-progett Amppa

### 42.8 Iljieli Sajfin

42.8.1 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet li qed jiġu organizzati dan is-sajf li s'issa qed jkunu ta' suċċess kbir b'attendenza numeruża u nkoraġġanti f'kull attivita. Il-fatt li qed nqajjmu mill-ġdid l-attivita' fiċ-ċentru tar-raħal jfisser li qed nilħqu l-għan ta' dawn l-attivitajiet. Cocomelon night irnexxiet ħafna fost l-oħrajn u kellna domanda kbira biex terġa issir. Il-Kunsill qabel li jista jagħti l-każ li norganizzaw oħra f'Settembru. Is-Sindku spjega kif huwa sabiħ tara persuni minn kull eta' jattendu għall-attivitajiet tagħna. Żgur li m'hemm ebda lokalita oħra f'Għawdex b'dawn n-numru kbir ta' attivitajiet mifruxin mas-sajf kollu u ta' dan il-poplu huwa grat.

### 42.9 Echoes by the Sea

42.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif il-preparazjoni tal-akbar attivita' tas-sajf dik tal-atttivitajiet marbuta mas-Sea Week tal-Amppa – Interreg jinsabu mexjin bil-qofol tkun l-attivita' 'Echoes by the Sea', li ser tinżamm fit-13 t'Awwissu fejn se jkollna it-Travellers band u l-band Novel flimkien mal-promotional video tal-baħar, sessjonijiet ta' nformazzjoni mogħtija minn Dr Alan Deidun u possibilment interventi minn sajjieda. Għall-event innifsu qed nippjanaw l-permessi u preparazzjonijiet kollha neċċesarji ma' attivita' tal-massa. Din il-ġimgha ser tiftaħ b' boat trip fis-7 t'Awissu, attivita' tat-tfal fit-12 t'Awwissu u serata għall-anzjani fil-11 ta' Awissu fejn ser tingħata wkoll *mug* li tippromovi l-Progett Amppa tal-Interreg u f'kull attivita' ser jkun hemm sezzjonjiet edukattivi relatati mal-proġett. Se jkun qed jagħti għajnuna teknika l-espert biomarittimu, Dr Alan Deidun.

### 42.10 Ħatra ta' Bord ta' evalwazzjoni tal-offerta tal-Belvedere Qigħan

42.10.1 Il-Kunsill qabel li bħala Bord tal-Għażla għall-offerta tal-Belvedere ta' Triq il-Qigħan għandu jkun kompost mill-Perit Alex Bigeni, mill-Avukat Joshua Grech, mis-Sur William Sultana, mis-Sindku Kevin Cauchi u mis-Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber.

### 42.11 Festa 2022

42.11.1 Is-Sindku spjega kif bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill qed iħoss li għandu jagħti is-sehem tiegħu għall-organizazzjoni tal-festa. Bħala

għajnuna l-Kunsill ser jagħti l-qliegħ kollu li ser jirriżulta minn żewġ attivitajiet ta' fundraising u jsostni l-għaqdiet b'kull mod possibli. Magħna għal festa ser jkollna wkoll delegazzjoni minn Tolfa u Loreto fejn ma tal-aħħar ser jiġi ffirmat il-Patt ta' Ħbiberija li eventwalment iwassal għall-iffirmar tal-Ġemellaġġ.

42.11.2 Is-Sindku spjega kif ser ikun f'kuntatt kontinwu mal-Puluzija f'dak li huwa sigurta u mmaniġjar tat-traffiku.

42.11.3 Sar qbil li lejliet il-festa nżommu festin ċkejken fejn nintroduċu lill-Għaqdiet tal-lokal flimkien mal-membri tal-komunita' ta' Loreto.

42.11.4 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li fis-snin li jmiss għandna nintroduċu wkoll l-festa tat-tfal bħalma qed tiġi ntrodotta f'irħula oħra. Il-Kunsill qabel li għandu jikkunsidra din il-proposta.

## 42.12 - Aġġornament dwar Proġetti

### 42.12.1 Triq Ħamri

- Is-Sindku spjega kif it-trinka ingħalqet temporanjament biċ-cement. Sadanittant ġie approvat l-ilma u drenaġġ mill-Water Service Corporation. Ix-xogħol fuq din it-triq huwa mistenni li jitkompla wara l-festa u hekk kif jintemm is-sajf minn Road Construction sabiex ma noħolqux aktar inkonvenjent lir-residenti.

### 42.12.2 Pjazza Tolfa

- Is-Sindku spjega kif għal dan il-proġett ser nistiednu lil Eko-Għawdex jew Ambjent Malta sabiex jidħlu magħna fi sħab bħala partners saabiex nikkwalifikaw għal 100% tal-funding tad-DPF.

### 42.12.3 Playingfield Gudja

- Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li preżentament ix-xogħol jinsab wieqaf peress li l-kuntrattur jinsab imsiefer. Sadanittant ser jitgħadda d-dawl u l-irrigazzjoni biex ix-xogħolijiet ikunu jistgħu jitkomplew.

### 42.12.4 Librerija

- Is-Sindku spjega kif ix-xogħol fuq il-proġett tal-librerija huwa mistenni li jibda dawn il-ġranet filwaqt li l-Perit Godwin Sultana qed jlesti t-tender tal-finishings. Imbgħad jibqa l-għamara u equipment li jiġi tender ieħor li ser jiġi ffinanzjat mill-proġett AMPPA Interreg u se jkollna fiha wkoll ċentru ta' nformazzjoni ddedikat lill-baħar tagħna.

### 42.12.5 Public Convenience

- Is-Sindku spjega kif it-tender għal dan il-proġett jinsab f'fażi finali u mistenni li jiġi ppublikat fil-ġranet li ġejjin.

42.12.6 **Proġett Triq Qigħan**

- Is-Sindku spjega kif it-tender għal dan il-progett huwa ippublikat u ser nagħmlu l-aġġudikazzjoni tiegħu malli jagħlaq nhar il-Hamis 11 t'Awwissu 2022.

42.12.7 **Xatt l-Aħmar**

- Is-Sindku għamel referenza għall-progett tas-Slipway fix-Xatt l-Aħmar, fejn tinsab lesta u ntlaqghet tajjeb ħafna minn min jagħmel użu mill-bajja kif ukoll kellna ħafna kliem ta' tifħir mill-Ministru Julia Farrugia.

42.12.8 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Wara li dan il-proġett ġiet approvat għall-finanzjament minn Ambjent Malta, is-Sindku spjega kif il-Perit Godwin Sultana ssottometta l-applikazzjoni tal-iżvilupp u qiegħed jipprepara t-tender document biex ikun jista jiġi ppublikat kemm jista jkun malajr.

42.12.9 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- L-istess għal dan il-proġett, il-perit qiegħed jipprepara t-tender documents.

## 42.13 Ġemelagg Loreto u Tolfa

42.13.1 **Tolfa**

- Se jkunu magħna l-grupp rebbieħa tal-Olimpiadi u bħal kull sena ħadna ħsieb l-akkomdazzjoni li ser terga' tkun għand is-sorijiet ta' Lourdes. Ser norganizzaw programm għalihom u qed nistennew l-lista finali tal-grupp li ġej.

42.13.2 **Loreto**

- Għal ewwel darba, matul il-ġranet tal-Festa se jkollna fostna delegazzjoni għolja mill-Kunsill ta' Loreto sabiex flimkien niffirmaw il-Patt ta' Hbiberija tal-Ġemellaġġ. Id-delegazzjoni se tkun immexxija mill-Viċi Sindku Nazzareno Pighetti flimkien mal-President tal-Kunsill, tlett Kunsilliera u għalliema. Bħala akkomodazzjoni ser ikunu joqgħodu fil-Grand Hotel fejn il-Kunsill ser iħallas parzjalment parti mill-ispiża. Sar qbil li għandna ninkarigaw lis-Sur Charles Zammit sabiex jieħu ħsieb lid-delegazzjoni peress li l-Kunsilliera jkunu mħabbtin bil-festa.

42.13.3 Il-Kunsill qabel li l-iffirmar tal-Hbiberija għandu jiġi ffirmat il-Hadd tal-Festa filgħodu wara l-pontifikal.

42.13.4 Bħala parti miċ-ċerimonja ser jiġi nawgurat il-monument tal-iskultur Joe Xuereb sabiex jinkixef u jikkomemora din l-okkażżjoni tal-

ħbiberija. Ix-xogħol ta' struttura għal monument fi Pjazza 10 ta' Diċembru nbeda u l-iskultura tinsab kważi lesta.

## 42.14 Applikazzjonijiet ta' skemi ġodda

42.14.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-iskemi li nħarġu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll minn Transport Malta.

42.14.2 L-iskemi huma: SPI/SCI/08/2022 tal-Finanzjament tal-Attivitajiet tal-Milied b'budget massimu ta' €47,000 imnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għal din l-iskema l-Kunsill qabel li għandu japplika għall-kiri tad-dwal tal-Milied għat-toroq u Pjazez, spejjes relatati mat-tiżjin kollu li jsir relatat mal-Milied bħalma huma spejjes biex issir is-Siġra u tiżjin ġdid għall-magħħa inkluż l-attrazzjonijiet ġodda ta' linef tal-ħġieġ u brazzi, aktar tiżjin f'Santa's Village, attrazzjoni ġdida artistika ta' Nativita, aktar tiżjin mat-toroq u Pjazez, aktar Christmas Trees mat-Toroq, aktar dwal madwar Għajnsielem u l-ispejjes tal-attivitajiet kollha li jiġu organizzati matul ix-xahar tal-Milied fosthom l-ispettaklu ta' Santa Clause, daqq ta' Għana tal-Milied madwar Għajnsielem permezz ta' train, attivita' għat-tfal u oħra għall-anzjani, żjajar lill-anzjani u persuni vulnerabli f'djarhom, serata ta kant u talent lokali, open cinema night b' filmat tal-Milied, esebizzjoni tal-presepji, u bosta attivitajiet oħra.

42.14.3 Għal din l-iskema nistgħu napplikaw ukoll għall-artistic director. Is-Sindku propona li għandna naħtru lis-Sur Paul Stellini tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju biex iservi f'din il-kariga. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

42.14.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal skema oħra li nħarġet dik maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bin-numru DLG-SPI/SCI/7/2022 għall-spejjes relatati mal-Clean Up the World 2022. Is-Sindku propona li għandna napplikaw sabiex jinxtraw pickup sticks, durable gloves u jiġu printjati xi t-shirts u jinxtraw ilma u snacks għall-parteċipanti. Il-finanzjament għal din l-attivita' huwa wieħed ta' €3000.

## 42.15 MOU - Għajnsielem Dimentia Friendly

42.15.1 Is-sindku prezenta Memorandum of Understanding biex ningħaqdu mal-Active Ageing and Community Care għall-ftehim li jkollna Għajnsielem Dimentia Friendly. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'dan l-MOU.

## 42.16 Materji oħra

42.16.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

## 42.17 Approvazzjoni tal-Pagamenti

42.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 42.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

42.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru 2022 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**